MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Numru 343/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur M'Stella Cutajar)**
**Vs**

**JONATHAN EMANUEL MIFSUD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Jonathan Emanuel Mifsud, ta' 37 sena, bin Anthony Victor u Josephine nee' Borg, imwieled Australia, data tat-twelid: 06.01.1977 u joqghod: St. Anthony, Triq Geronimo Abos, Iklin, detentur tal-karta ta' l-Identita': 44488(M).

Billi gie akkuzat:

a) talli nhar it-18 ta' Marzu, 2001 fil-ghodu gewwa l-ex runway u cioe' fi Triq Hal Far, B'Bugia b'nuqqas ta'

hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' George Portelli kif iccertifikat mill-Isptar San Luqa (skond l-art. 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi saq il-vettura ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni GTI-190 b'manjiera perikoluza;

c) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi saq l-istess vettura b'mod negligenti u speed eccessiv;

Ghaldaqstant il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' kundanna sabiex tikkonfiska l-licenzja tas-sewqan ta' l-imsemmi Jonathan Emanuel Mifsud hekk kif stipulate mill-Ligi.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok MSC1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li minn verifiki li ghamlet jirrizulta li l-fedina penali tal-imputat ghadha wahda netta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17 u 225 tal-Kap. 9, ir-Regolament 127 tal-A.L. 128/1994 u l-art. 15(1)(a)(2) u (3) u it-Tieni Skeda tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Jonathan Emanuel Mifsud, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li minn verifiki li ghamlet jirrizulta li l-fedina penali tal-imputat ghadha wahda netta u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Jonathan Emanuel Mifsud ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija u erba’ t’elef u seba’ mitt Euro (Euro 4700) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Jonathan Emanuel Mifsud jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Jonathan Emanuel Mifsud sabiex fi zmien erba’ xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta’ tmien mija u tnejn u ghoxrin Euro (Euro 822) bhala spejjes inkorsi bin-nomina ta’ esperti mahtura fl-Inkjesta li l-Process Verbal taghha jinsab esebit fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok. CA1.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Jonathan Emanuel Mifsud milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien ghaxar (10) xhur millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Jonathan Emanuel Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------